# Maureen Galea - pjanista Mostija b'fama internazzjonali

Minn **Victor B. Caruana**

Illum sejrin niltaqgħu u nsiru nafu aktar dwar Maureen Galea, pjanista Mostija, pjuttost żagħżugħa, iżda li kisbet bosta suċċessi fil-karriera mużikali tagħha kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta. Lil Maureen ili nafha minn mindu twieldet billi kibret bieb ma' bieb miegħi.

Dawn huma ftit mill-kummenti li dehru dwarha fil-ġurnali :
*"Delight piano playing......her performance was pure poetry, showing superb control"* (*The Sunday Times*)
*"Pianistic Genius!...strong streak of spiritual fire in her playing...a tour de force of pianistic wizardry...exceptionally true talent."* (*The Times*).
*"Highly technical accomplishment, musical ability and promise as a performing musician...a talented pianist."* (*The Times*).

VICTOR (V): *Maureen, meta twelidt u fejn ħadt l-ewwel edukazzjoni tiegħek?*
MAUREEN (M): Jiena twelidt fis-6 ta' Novembru 1973 u l-ġenituri tiegħi huma Joseph u Nancy Galea. Jiena ħadt l-ewwel edukazzjoni tiegħi f'St. Dorothy School Tal-Virtù, u l-edukazzjoni sekondarja fil-Junior Lyceum ta' L-Imrieħel sal-Form 5 mnejn ksibt il-G.C.E.'s. Minn hemm mort is-Sixth Form f'St. Aloysius College B'Kara. Wara dan dħalt fl-Università ta' Malta, fejn wara eba' snin ksibt il-B.A. (Hons.) fil-Music u Phyisology. Wara dan għamilt sena oħra kors tal-P.G.C.E. biex insir għalliema, u dħalt ngħallem il-Mużika ma' l-Education Department għal sentejn. Kont ngħallem fl-Iskola Borg Brared f'B'Kara, kif ukoll fl-Opportunity Centre Maria Teresa Nuzzo fil-Hamrun. Fl-istess żmien kont nagħti lezzjonijiet tal-pjanu fl-Iskola Santa Monica u fil-Euro Centre il-Ħamrun.

V: *Kif bdejt l-istudji tiegħek barra minn Malta?*
M: Dak iż-żmien, kont għarusa lil Tony Bonello li huwa mużiċist bħali. Wara sentejn ngħallem mal-Gvern hawn Malta, applikajna għall-*Scholarship* ta' kors ta' studji ogħla fil-Mużika fil-Conservatorio "Luigi Cherubini" ta' Firenze u rbaħnieh it-tnejn li aħna. Iżżewiġna u morna nistudjaw Firenze. Il-kors ta' Firenze jieħu għaxar snin b'kollox. Malli wasalna għamilna serje ta' eżamijiet iebsin sabiex id-diretturi jaraw fejn konna nikklassifikaw. Ir-riżultati tagħna tant kienu tajbin li l-kors tagħna ġie ridott għal erba' snin biss. Iżda dan kien ifisser aktar studju iebes għalina u naturalment ħafna sagrifiċċji. Il-kors tiegħi kien ibbażat l-aktar fuq id-daqq tal-pjanu, *Chamber Music* u *Accompaniment*. Dan ta' l-aħħar kien għal ma' orkestri, kantanti u korijiet.



*Maureen wara kunċert mill-isbaħ f'St. James Cavalier fl-2000.*

*V: Jiena niftakar li kont nisimgħek iddoqq il-pjanu minn età żgħira ħafna. Meta bdejt tistudjah u fejn?*
M: Bdejt nistudja l-pjanu meta kelli erba' snin, u bilkemm kont inlaħħaq mal-*keyboard*. L-ewwel lezzjonijiet ħadthom minn għand l-għalliema Miriam Hayden, fl-Iskola Santa Monica tal-Mosta. Kienu jqegħduli direttorju tat-telefon taħti biex inlaħħaq mal-*keyboard*. Wara komplejt nistudja ma' Sister Domenica u komplejt ma' Sister Benjamina Portelli, li barra milli hi għalliema tal-pjanu għadha sal-lum tmexxi l-Kor magħruf ta' Santa Monica, li taħt it-tmexxija tagħha għamel tant suċċessi kemm f'Malta kif ukoll internazzjonalment.

*V: Kemm domt tistudja ma' Sister Benjamina Portelli?*
M: Domt kważi għaxar snin sakemm ksibt l-L.R.S.M. Jien kont issieħibt fis-St. Monica Choir minn mindu kelli sitt snin u bqajt fih għal żmien twil sa meta sifirt biex nistudja. Barra milli kont inkanta magħhom kont ukoll nakkumpanjahom bil-pjanu f'diversi kunċerti u anke f'*international choir competitions* fejn irbaħna diversi unuri, u dan kien ta' esperjenza tajba għalija. Jien kont inkanta bħala *Alto* fil-kor.

*V: Kif iddeċidejt li ssegwi karriera mużikali?*
M: Meta kont għadni żgħira ħafna, kont nibki ħafna, speċjalment bil-lejl. Għalhekk il-mamà xtrat *music box* u meta kienet issemmagħhili, jien kont nieqaf mill-biki. Hawn mill-ewwel indunat li kont inħobb ħafna l-mużika. Jien mill-ewwel xtaqt li jew nistudja xi strument mużikali jew il-*ballet*. Billi l-Iskola Santa Monica kienet qrib tagħna, il-mamà għażlitli l-istudju tal-pjanu. Iżda meta kbirt u komplejt l-istudji mużikali tiegħi wara l-Università, din kienet deċiżjoni tiegħi.


*Maureen flimkien mal-Prof. Mro Charles Camilleri (wieħed mill-għalliema tagħha fl-Università ta' Malta) waqt li kienet qed tagħmel kors f'Manchester, f'Chethams International Piano School fl-2002*

*V: Taħt min studjajt fl-Università ta' Malta?*
M: Jien kelli x-xorti nistudja taħt surmastrijiet magħrufa. Hemmhekk studjajt il-pjanu taħt Mro Michael Laus; Armonija taħt Mro Dione Buhagiar; *Mediterranean Music* kelli lil Mro Charles Camilleri; *Counterpoint* taħt Mro Joseph Vella; u *Musical History* taħt Mro John Galea. Kumbinazzjoni r-raġel tiegħi Tony kien Assistent Surmast ma' diversi baned immexxija minn Mro. Joseph Vella.

*V: X'ġara wara li spiċċajt b'suċċess il-kors ta' erba' snin f'Firenze?*
M: Għalkemm il-kors li għamilt Firenze kien kors komplut u intensiv ħafna, dan kien qisu *First Degree*, li kien ibbażat ħafna fuq l-istrument mużikali li hu l-pjanu. Waqt dan il-kors Tony kien għażel il-kompożizzjoni. Iżda aħna ridna niksbu l-*Master's Degree*. Dak iż-żmien dan il-kors ma kienx jeżiżti fl-Università ta' Malta. Għalhekk applikajna għall-kors fil-*Master's Degree* fl-Ingilterra u dan il-kors għamilnieh fl-Università ta' Surrey, f'Guildford.

*V: X'kien is-suġġett tat-teżi tiegħek f'dan il-kors?*
M: L-ewwel wieħed kien '*Critical Analysis of 24 Chopin Studies*'. Jien kont dejjem iffisata fuq il-'*Music Therapy*' u t-tieni teżi għamiltu dwar dan. Fil-fatt għamilt sajf sħiħ naħdem ma' tfal li għandhom *Autism* u oħrajn *Down Syndrome* u dan għamiltu Malta.

*V: Għaliex għażiltu l-Università ta' Surrey?*
M: Aħna xtaqna università li taċċetta t-tnejn, kemm lili u lil Tony, biex nikru post wieħed billi l-akkomodazzjoni hija għalja ħafna u biex ma jkollniex ħafna spejjeż biex nivvjaġġaw. Għamilna diversi applikazzjonijiet u ddeċidejna li din kienet l-aħjar għalina. Morna għal *audition* iebsa ħafna u wara jumejn ġejna aċċettati. Aħna ħallasna l-ispejjeż kollha għal dan il-kors.

Aħna għażilna Surrey University ukoll għaliex fil-kors stajna nikkombinaw diversi studji, mhux pjanu biss. Per eżempju kelli l-pjanu bħala l-istudju prinċipali, u żewġ *subsidiary subjects*. Dawn kienu Direzzjoni Mużikali, u dan kien għal qalbi ħafna. Malta kont idderiġejt korijiet iżda orkestra qatt u din hija tassew sabiħa. Kelli wkoll "*criticism and reviewing*" u b'hekk nista' nikteb dwar u nikkritika kunċert li nkun rajt. Tony kellu kompożizzjoni u *studio recording*, billi hu mixħut ħafna fuq *Electronic Music*. B'hekk stajna nikkoordinaw dak kollu li xtaqna nagħmlu.

*V: Bħalissa x'intom tistudjaw?*
M: Wara li spiċċajna l-*Master's Degree*, bejna l-kors tal-Ph.D. li huwa l-aqwa grad li tista' tilħaq fis-suġġett tiegħek, wara li tkun speċjalizzat fuq tema speċifika. Tony għażel il-Kompożizzjoni, waqt li jien għażilt 'Bohemian Pianist Composers Between 1750-1850'. Dan jikkonsisti f'riċerka kif huma kitbu għal pjanu, id-differenza bejn il-pjanijiet ta' dak iż-żmien u tal-lum, u għaliex xi wħud minn dawn il-kompożituri bravi mhumiex tant magħrufa. Dawn huma kompożituri bħal Vorisek, Tomasek, Hummel, u Dussek, u li huma kollha mir-Repubblika Ċeka.

F'Diċembru li għadda għamilt kunċert f'Londra f'St. Martin in the Fields, li tinsab f'Trafalgar Square, u li hija mill-aktar *venues* popolari li fiha jsiru kunċerti magħrufa, u inkludejt diversi xogħlijiet minn tagħhom. Dan il-kunċert ġie apprezzat ħafna mill-pubbliku u ntlaqa' tajjeb ħafna mill-kritiċi tal-gazzetti u rivisti mużikali.

*V: Tista' tgħidilna xi ħaġa fil-qosor dwar ir-riċerka tiegħek dwar dawn?*
M: Għamilt riċerka kbira fuqhom fl-Ingilterra, iżda l-aktar li għamilt dan kien fir-Repubblika Ċeka stess, l-aktar f'libreriji famużi fi Praga. Hija esperjenza kbira li tistudja dwar u tmiss b'idejk il-manuskritti oriġinali mużikali ta' dawn il-kompożituri kbar, bin-noti, korrezzjonijiet u bit-tbajja' tal-kafè fuqhom, eżatt kif ħarġu minn idejhom. Jien bdejt il-kunċert tiegħi f'St. Martin in the Fields billi daqqejt kompożizzjonijiet ta' Vorisek u Hummel, u fin-nofs daqqejt is-Sonata Pathetique ta' Ludwig van Beethoven, li hija popolari ħafna. Warajha daqqejt kompożizzjoni ta' Tomasek.

Il-*venue* kien ippakkjat bin-nies, u ma kontx naf kif kien se jintlaqa'. Diversi nies li ġew jifirħuli wara dwar kif daqqejt ix-xogħol ta' Beethoven, staqsewni minn fejn ġibt il-kompożizzjonijiet l-oħra li ntgħoġbu immens. Dak huwa proprju li rrid nuri wara l-Ph.D., li dawn il-kompożituri għalkemm mhumiex tal-kalibru ta' Beethoven xorta għandhom xogħlijiet mill-isbaħ.


*Mix-xellug: Maureen Galea, Stephanie Lewis (mużiċista magħrufa), Nigel Campbell (preżentatur tal-BBC) u Jane Clover (kittieba u mużiċista magħrufa), wara kunċert fil-Guildford International Festival fl-2001.*

*V: Naf li qed taħdem fuq xi ħaġa interessanti ħafna dwar dawn, għidilna aktar?*
M: L-aħħar teżi tiegħi se tkun li nsib biċċiet ta' mużika ta' dawn il-kompożituri, li qatt ma ġew ippublikati. Fil-fatt diġà sibt erba' biċċiet, u qed naħdem fuqhom. Jiena beħsiebni neditjahom, nippreżenta *edition* u ndoqqhom. Dawn huma kollha xogħlijiet għal pjanu u orkestra. Jiena l-Ph.D. qed nagħmilha *part-time* biex inkun nista' naffordja li nħallas għall-ispejjeż kemm ta' l-Università kif ukoll tal-ħajja ta' kuljum. Għalhekk jiena qed ngħallem il-pjanu fi skejjel differenti, minbarra li għandi studenti privati.

B'hekk qed ngħallem u nistudja. L-ispejjeż huma kbar ħafna u baqgħali mill-anqas sentejn u nofs sakemm inlesti l-Ph.D. Issa ili nistudja barra mill-1998 sal-2002 fl-Italja, u minn dak iż-żmien sal-lum fl-Ingilterra.

*V: Kemm kont attiva f'korijiet f'Malta?*
M: Barra mal-Kor Santa Monica, ġieli kantajt ma' l-Amadeus Chamber Choir ta' Brian Cefai u Michelle Cachia Castelletti. Jiena tlajt inkanta magħħom Ateni u Ċefalonja fil-Greċja u Abruzzo fl-Italja. Hemm daqqejt waħdi kif ukoll akkompanjajt il-kor. Kont ukoll fil-kor ta' l-Università, u fil-kor *Collegium Musicum* ta' Dione Buħagiar. Ma' dan ta' l-aħħar kont daqqejt biċċiet fuq l-orgni tal-Katidral ta' San Ġwann. Konna għamilna siltiet mill-Messiah ta' G.F. Handel. Jiena studjajt id-daqq ta' l-orgni fl-Italja.

*V: Int tiġi spiss Malta biex iżżur il-papà u tagħti xi kunċerti u dejjem tiġi għal ftit jiem. Kif tħossok meta tkun hawn?*

M: Sfortunatament il-mamà mietet fil-Milied 2005. Lil Malta nħobbha ħafna u għandi rabta kbira mal-papà u nħobb niġi nżuru, għalkemm drajt ngħix l-Ingilterra. Kull meta niġi kważi dejjem nagħti xi kunċert. L-Ingilterra irrid insajjar, nieħu ħsieb id-dar li għadna kemm xtrajna, nistudja ħafna u mmur ngħallem, u għalhekk ftit ikolli mistrieħ. Hawnhekk il-papà jagħmilli kollox. Jiena nipprova kull sena nkun il-Mosta f'Santa Marija. Il-Milied jogħġobni aktar l-Ingilterra, iżda nemmen li jkun isbaħ meta tkun mal-familja tiegħek, għalhekk ninsab hawn.

*V: Għalkemm il-papà jgħidli meta tkun ġejja, ninduna meta tkun wasalt għax nisimgħek iddoqq il-pjanu. Jien inħobb ħafna l-mużika u nieħu gost nisimgħek. Naf li int dejjem tiġrija kontra l-ħin, anki meta tkun Malta. Xi tħobb tagħmel meta jkollok xi ftit ħin liberu?*

M: Kważi insejt xi tfisser din il-frażi. Meta konna l-Italja, kien ikolli ftit ħin liberu, għax kont fuq *scholarship*. Għalhekk kont nistudja biss u ma kontx naħdem. Hemm konna mmorru nimxu f'park kbir li kien hemm ħdejna u kultant kont insib ċans nirrakkma. Kultant, meta jkolli ċans, inħobb insajjar ħafna, xi ħaġa li writ mill-papà li għamel għomru *chef*. Inħobb nimxi u naqra ħafna, speċjalment awtobijografiji.

Billi diġà għandi *bookings* għal kunċerti sal-2008, ngħid aħjar noqgħod nistudja milli nagħmel xi ħaġa oħra. Għalhekk kull naqra ċans li jkolli, nistudja u ndoqq il-pjanu. Meta nkun indoqq, ma nħossnix qed naħdem, għax naf li dan li rrid nagħmel il-bqija ta' ħajti u għalhekk inħossni kuntenta u sodisfatta ħafna. Għalkemm ninsab fl-isbaħ żmien ta' ħajti, din hija ħajja iebsa ħafna, iżda għażla tiegħi. Meta nkun *on stage* indoqq ngħid "din hija ħajti".

*V: Titħajjar tiġi tgħallem fl-Università ta' Malta, wara li tikseb il-Ph.D.?*

M: Jiena diġà qed ngħallem lil *undergraduates* fl-Università ta' Surrey u nippreparahom għal *Batchelor's Degree in Music*. Dik hi l-ħolma tiegħi li ngħallem f'università tkun fejn tkun.

*V: Naf li diffiċli tirrispondini, iżda x'tippreferi li tkun lecturer universitarja jew pjanista magħrufa?*

M: Din mistoqsija li ħawditni xi ftit. Naħseb li bilfors ikolli ngħallem biex naqla' l-ħobża ta' kuljum. Jien inħobb ngħaddi dak li naf lil ħaddieħor, xi ħaġa li writha mill-mamà li kienet għalliema. Iżda meta tkun *on stage*, int, il-pjanu u l-udjenza, u tirrealizza li dawn qed jistennew li tgħaddilhom esperjenza ġdida permezz tal-mużika, din hi sensazzjoni unika. Bħalissa nista' nagħmilhom it-tnejn, 'l quddiem naraw.

*V: Barra milli inti pjanista, inti organista wkoll?*

M: Kif għidtlek akkompanjajt diversi korijiet bl-orgni anke fuq dak tal-Kon-Katedral ta' San Ġwann. Bħal issa jien organista f'St. Edwards Catholic Church, f'Surrey. M'ilux organizzajt kunċert hemmhekk li tassew kien suċċess, li kien jismu '*The Magic of Mozart*', f'għeluq il-250 sena mit-twelid tiegħu. Jiena daqqejt diversi biċċiet bħala solista fuq il-pjanu, kif ukoll akkompanjajt lit-Tenur Brian Cefai u s-Sopran Michelle Cachia Castelletti. Kellna magħna wkoll lil brava violinista Sarah Spiteri. Il-kritiċi mużikali Ingliżi faħħru ħafna dan il-kunċert.



*Mix-xellug: Maureen Galea (pjanu), Sarah Spiteri (vjolin), Lee Reynolds (vjolinċell), u Yan Beattie (vjola), wara kunċert organizzat minn Maureen Galea "The Magic of Mozart" f'Surrey University, Guildford fl-2005*

V: Maureen, nirringrazzjak ħafna talli sibt ħin sabiex tgħaddilna dan it-tagħrif interessanti. F'isem il-Mostin nifirħulek u nawgurawlek għall-quddiem, forsi xi darba nisimgħuk iddoqq fuq l-orgni tar-Rotunda, meta jkun lest mir-restawr.